

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 197/2010

tad-9 ta' Marzu 2010

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 247 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 14o(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93⁽²⁾ jipprovdi li Ċertifikat AEO jrid jinħareġ fi żmien 90 jum kalendarju mid-data li fiha tkun waslet l-applikazzjoni skont l-Artikolu 14c ta' dak ir-Regolament. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'perjodu wieħed ieħor ta' 30 jum kalendarju meta l-awtorità doganali ma tkunx tista' tirrispetta l-iskadenza u sakemm tgħarraf lill-applikant bir-raġunijiet għall-estensjoni. Madanakollu, l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1875/2006⁽³⁾ li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jestendi l-perjodu ta' 90 jum kalendarju għall-ħruġ ta' Ċertifikat AEO għal 300 jum kalendarju, matul perjodu tranżitorju ta' 24 xahar li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2009. It-termini ta' żmien stipulati fl-Artikolu 14o tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2010.

(2) L-implimentazzjoni fil-prattika tal-leġislazzjoni AEO wriet li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-proċess sħiħ ta' awtorizzazzjoni normalment jieħu aktar minn 90 jum kalendarju u fil-każ ta' xi kumpaniji kbar, il-proċess jista' jieħu sa 150 ġurnata.

(3) Minħabba li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1192/2008⁽⁴⁾ li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 introduċa sistema li fiha l-applikant għal awtorizzazzjoni unika għal dikjarazzjoni simplifikata, għal proċedura ta' rilaxx lokali, għal proċeduri doganali b'impatt ekonomiku jew għal użu aħħari, irid jikkonforma ruħu mal-kriterji AEO jew kriterji ekwivalenti, in-numru ta' applikazzjonijiet għal Ċertifikat AEO żdied

b'mod konsiderevoli, peress li l-biċċa l-kbira tal-operaturi ekonomiċi jippreferu japplikaw l-ewwel għal Ċertifikat AEO li bħala detenturi tiegħu jitqiesu li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet u kriterji meħtieġa għall-awtorizzazzjonijiet għal ċerti proċeduri. Minħabba dik iż-żieda, sar diffiċli ħafna għall-awtoritajiet doganali li jikkonformaw ruħhom mal-obbligu li joħorġu Ċertifikati AEO fit-termini ta' żmien stipulati fl-Artikolu 14o(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

(4) Għaldaqstant, sabiex jiġi żgurat it-tħaddim bla xkiel tas-sistema AEO mill-1 ta' Jannar 2010, huwa neċessarju li l-perjodu biex jinħareġ Ċertifikat AEO jew biex tiġi miċħuda applikazzjoni jiġi estiż għal 120 jum u li tiġi prevista estensjoni ta' dak il-perjodu b'perjodu wieħed ieħor ta' 60 jum.

(5) Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandu għaldaqstant jiġi emendat b'dan il-mod.

(6) Peress li l-perjodu tranżitorju previst fir-Regolament (KE) Nru 1875/2006 jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2009, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 14o(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-awtorità doganali għandha toħroġ Ċertifikat AEO jew tiċħad l-applikazzjoni fi żmien 120 jum kalendarju mid-data li fiha tkun waslet l-applikazzjoni skont l-Artikolu 14c. Meta ma tkunx tista' tirrispetta l-iskadenza, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'perjodu wieħed ieħor ta' 60 jum kalendarju. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità doganali għandha tgħarraf lill-applikant bir-raġunijiet għall-estensjoni qabel ma jiskadi l-perjodu ta' 120 jum kalendarju."

(1) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

(2) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

(3) ĠU L 360, 19.12.2006, p. 64.

(4) ĠU L 329, 6.12.2008, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO
